**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 28 ta' Gunju, 2016

Rikors Guramentat numru : 291/2015 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elf disgha mija disgha u disghin (1999), minn liema zwieg huma kellhom zewgt itfal (ara certfikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A);
2. Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' (4) snin tant illi fis-sena elfejn u hdax (2011) l-esponenti ma baqatx tghix mal-intimat u sussegwentament, l-esponenti giet tghix gewwa Malta f'Ottubru tas-sena 2011 (ara dikjarazzjoni mahlufa ta' AB hawn anness u mmarkat bhala Dok B);
3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum

il-gurnata huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi l-esponenti jiddikjaraw illi qatt ma kien hemm kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet fis-sens illi l-ebda parti qatt ma talbet xi forma ta' manteniment mill-parti l-ohra, u l-ebda parti ma ghandha intenzjoni li taghmel dan fil-futur;
5. Illi l-manteniment taz-zewgt itfal minuri gie ukoll regolat permezz ta' dikjarazzjoni mahlufa hawn annessa (ara Dok B), filwaqt li l-ebda arretrati ta' manteniment ghall-minuri m'huma dovuti;
6. Illi dan ir-rikors huwa akkompanjat min-nota in ottemporanza ta' dak li jiddisponi s-Subartikolu 66G(2)(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema nota hija annessa ma dan ir-rikors (ara n-nota ta' ottemporanza hawn annessa u mmarkata bhala Dok C);
7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Illi l-esponenti giet awtorizzata tmexxi bil-prezenti istanza permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti fid-19 ta' Gunju 2015 u sussegwentement, nhar it-19 ta' Settembru 2015, inhatru l-kuraturi deputati sabiex jirrapprezenaw lill-intimat assenti (ara kopja legali tad-digrieti u inkartament relattivi annessa u immarkata Dok D);

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien li l-istess Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

Salv kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepew :

1. Illi huma fil-kwalita taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti CB mhumiex prezentement edotti

mill-fatti li taw lok ghal dina il-kawza u ghaldaqstant, jirrizervaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar ‘il quddiem;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, dina il-Qorti m’ghandhiex kompetenza sabiex tisma u tiddeciedi il-kawza odjerna u dan ai termini tal-artikolu 742 tal-Kap. 12 stante illi l-kawza titratta zwieg illi sar barra minn Malta u ghaldaqstant, dina il-Qorti ma tistax taghti l-ordni kkontemplata fl-Artikolu 66A (4) tal-Kap. 16;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-31 ta’ Dicembru 2015;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tar-rikorrenti dwar it-tieni eccezzjoni tal-kuraturi deputati u rat illi l-kuraturi deputati baqghu ma dehrux sabiex jaghmlu it-trattazzjoni taghhom;

Ikkunsidrat :

Illi dwar il-kwistjoni tal-gurisdizzjoni u kompetenza tal-Qorti, il-Qorti rat l-Artikolu 66 N tal-Kap. 16 illi proprju jittratta dwar dan il-punt u jghid illi il-Qorti ghandha gurisdizzjoni biex tisma kawza ta’ hall ta’ zwieg jekk wahda mill-partijiet tkun domiciljata f’Malta  mid-data meta tkun saret it-talba tad-divorzju, jew jekk wahda mill-partijiet jkollha ir-residenza taghha f’Malta;

Illi ghal dak illi jirrigwarda ir-residenza, jehtieg illi wahda mill-partijiet tkun ilha Malta ghal mill-anqas sena;

Illi l-Qorti rat id-dokumenti esebiti mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-23 ta’ Gunju 2016 minn fejn jirrizulta car illi ir-rikorrenti giet Malta fit-8 ta’ Novembru 2011 u ghalhekk certament ilha aktar minn sena tirrisjedi f’Malta;

Illi gie esebit ukoll dokument rilaxxjat mill-ETC li wkoll jikkonferma illi r-rikorrenti effetivament ilha tirrisjedi Malta mis-sena 2011 u hija wkoll licenzjata biex tahdem f’Malta;

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tirrispingi it-tieni eccezzjoni tal-kuraturi deputati u tiddikjara li ghandha gurisdizzjoni kif ukoll kompetenza sabiex tisma u taqta dan ir-rikors guramentat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati sa mis-sena 2011;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.